MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Numru 238/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Spiteri)**

**Versus**

**Jonathan Joseph Briffa.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jonathan J Briffa 21 sena mwieled nhar it-23 ta’ Gunju 1983 iebn missier mhux maghuf u Mary nee Briffa residenti St Joseph Falt 4 Triq Testaferrata Ta’ Xbiex detentur tal-karta tal-identita’ numru 349183 (M)

Akkuzat talli:

1. Nhar il-Hamis 10 ta’ Marzu 2005 gewewa San Giljan ghall-habta tad-9.30 pm fi Triq Gorg Borg Olivier San Giljan ikkommetta serq ta’ flus u accessorji liema valur ta’

dawn l-oggetti jeccedi il-mitt lira Maltija a detriment to XiuQin Han ta' nazzjonalita' Ciniza, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, bil-hin, bil-valur u dan ai termini tal-artikoli 216, 262, 267 u 270 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-gisem ta' XiuQin Han skond ma gie ccertifikat minn Dr.Marika Caruana mic-Centru tas-Sahha tal-Gzira u dan bi ksur tal-artikolu 221 tal-KAp 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli taht l-istess cirkostanzi, postijiet, dati, u hinijiet saq vettura LAN 12 ta' ghamla Vauxhall Nova minghajr ma kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni ghal riskji fuq terzi persuni u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, postijiet, dati u hinijiet saq vettura LAN 12 mingharj ma kienet koperta b'licenzja kurrenti sabeix tinsaq fit-toroq mahruga mid-direttur tal-licenzji u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-10 ta' Marzu, 2005 gewwa San Giljan u cioe Triq Gorg Borg Olivier San Giljan f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex tbieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 (a) tal-KAp 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Il-Qorti ntalbet titratta mal-imputat bhala li huwa recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi.

2. Rat l-atti kollha tal-process inkluza d-dikjarazzjoni maghmula mill-Ispettur Abdilla li, wara li kien tkellem mas-sur Antoine Vella tas-Central Bank, il-valur tal-flejjes fl-atti hu ta' circa Lm190 (€ 444.60).

3. Id-Difiza ddikjarat li taqbel ma’ dan il-valur u li ma kellhiex oggezzjoni li l-flus jinghataw lil sidhom.

4. Rat ukoll il-fedina penali tal-imputat, ic-certifikat tat-twelid tal-imputat li jgib in-numru 3491 tal-1983, l-istqarrija tal-imputat tal-14 ta’ Marzu 2005 a fol 6 u fol 42 (ghaliex hemm zewg kopji), il-currenti incident report a fol.37 u 67 (ghax hemm zewg kopji), ic-certifikat ta’ griehi hfief fuq Han Xiu Qin a fol 47, l-okkorrenza dwar is-serqa mwettqa mill-imputat fis-17 t’Awwissu 2005 (fol 75)bl-istqarrija li kien ghamel l-imputat (fol 78), id-dokument CJH3 u CJH4, il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji, (fol 15 u 17), ir-rapport imhejji minn Father Mark Montebello (fol 226), u t-traduzzjonijiet ghall-Malti a fol 129.

5. Semghet ix-xhieda bil-gurament.

6. Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

**L-Istqarrija tal-Imputat**

7. L-imputat qal li kien mar idur b’karozza LAN 12 tal-ghamla Vauxhall Nova kulur ahmar. Huwa kien saq din il-vettura (li tghajjat lil ommu) fl-ahhar gimaghtejn ta’ qabel m’ghamel l-istqarrija. Huwa kien mar fuq tfajla li kellha basket u hatafhulha minn idejha. Dan kien fih xi flus barranin, xi haga tal-flus Maltin u xi passaporti. Huwa ha l-flus u rema l-basket bil-passaporti. Kien flus Euros u dollari. Huwa kien sarrafhom go exchange Tas-Sliema li kienu tawh madwar Lm300. Fil-handbag kien hemm Lm50 Maltin. Il-flus kien nefaqhom. Huwa qal li ried irodd lura l-flus. Huwa kien diga radd lura l-flus Cinizi.

**Xhieda Ohra tal-Prosekuzzjoni**

8. Iuan Han xehdet li ragel kien attakka lil habiba tagha u hadilha l-baskett. Imbaghad giet karozza hamra u telaq ‘l hemm. Ix-xhud gharfet lill-imputat bhala r-ragel li ha l-baskett. Fil-kontro-ezami x-xhud wiegebt li kienu ghaddew

xi ghaxar minuti minn meta dan ir-ragel staqsa l-hin sa meta harab. Ix-xhud baqghet tinsisti li kienet gharfet lill-imputat minhabba li setghet taralu wiccu. Il-Qorti tablet lix-xhud tersaq lejn l-imputat u regghet irrispondiet li kienet gharfitu. Hi u l-habiba tagha kienu saru jafu li r-ragel inqabad mill-ambaxxata Ciniza.

9. Xiuqin Han xehdet li kien resaq fuqha ragel forsi Malti u staqsieha l-hin. Dan gibdilha xagharha u hadilha l-basket. Dak il-hin kienet ixxukkjata u kien mohhha biss li tiddefendi l-basket. Ir-ragel kellu mniehru qasir u xaghru iswed.

10. Xehed ukoll PS 1586 Ronnie Attard li qal li nhar l-10 ta’ Marzu 2005 fl-10.15 pm kienu dahlu zewg persuni ta’ nazzjonalita’ Ciniza ma’ persuan ohra li ghamlu rapport dwar x’ kien gara quddiem il-Park Towers gewwa San Giljan. Xi hadd kiena ggriediehom u hadilhom il-handbag. Mathias Slick Ramco li kien ghaddej mal-gharusa tieghu sema’ l-ghajjat. Huwa nduna li l-aggressur kien tela’ fil-karozza bin-numru tar-registrazzjoni LAN 112. Din il-karozza tghajajt lil Mary Gaetana Briffa. Il-Hadd 13 ta’ Marzu dan ix-xhud kien sab il-karozza bl-imputat go fiha. L-imputat kien **ammetta** ma’ dan ix-xhud l-involviment tieghu fl-incident. (fol 33). Kien indikalu l-post fejn kien twaddab il-basket. Wara kien amr id-dar tal-imputat u l-imputat tah il-flus Cinizi. Il-flus kienu taht it-tarag li jwassal ghall-appartament tal-imputat. (Fol 48)

11. Xehed PC 857 John Laferla li ien flimkien ma’ PS 1586 Ronnie Attard u dan qal li l-imputat kien **ammetta** kollox mieghu. Sahansitra dan ix-xhud kien sejjah lil PS 1586 Ronnie Attard u qallu biex jisimghu l-istorja fil-vann. L-imputat beda jitolbu biex ma jitfghux il-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin. Meta marru biex javzaw lil omm l-imputat dwar l-arrest, l-imputat tah borza bil-flus Cinizi. (Fol 56).

12. Dr Marica Caruana li Han Xiuqin kienet sofriet griehi hfief f’widnejha tax-xellug..

13. Fis-7 ta’ Settembru 2005 xehed l-Ispettur Mario Tonna . Huwa qal li l-imputat kien inqabad jsiraq mill-Westin

Drgonara Resort, ammetta l-imputazzjonijiet u kien ikkundannat sitt xhur prigunerija. Huwa pprezenta l-okkorrenza. (Fol 75).

14. Xehed ukoll Remco Slik (Fol 84 u fol 119)[1].Huwa qal li kien ra lill-imputat jiggieled ma' zewg tfajliet Cinizi. Wahda minnhom kienet mimduda fuq il-bankina u kienet qed taqla daqqiet ta' sieq. L-imputat harab u riekb f'karozza hamra li kellha l-bieba miftuha. Ix-xhud gharaf lill-imputat. Fil-kontro-ezami x-xhud qal li kien ta deskrizzjoni tal-aggressur li kellha l-fattezzi tal-persuna li kien qed jara fl-Awla. Huwa qal ukoll li fl-Opel li kien ra, apparti s-sewwieq kien hemm erba' persuni ohra, tnejn minnhom ta' sess femminili.

15. Xehed Christopher Darmanin (fol 108). Huwa kkonferma li l-karozza lan 112 Vauxhall Nova ta' kulru maroon tghajjat lil Mary Gaetana Briffa. Il-licenzja ghalqet fl-ahhar ta' Dicembru 2003 u sal-21 ta' Settembru 2006 kienet ghadha ma kinitx rinnovata. L-imputat kellu driving licence Kategorija B u kien gabha fl-10 ta' Lulju 2002. Il-licenzja skadiet f'Dicembru 2003.

16. Xehed ukoll Father Mark Montebello li qal li l-imputat, minkejja li ghadu ta' eta' zghira diga' ghadda minn cirku vizzjuz. Huwa kien studja c-cirkostanzi tal-imputat mill-bidu sal-ahhar. Jidher li meta kien fl-iskola primarja l-imputat ghadda minn zmien ta' bullying kontinwu. Fis-sekondarja beda jaghmilha ma' kumpanija hazina li wasslitu biex jitkecca mill-iskola. It-tfajla li kellu kienet tiddeskrivih bhala bneidem ta' qalbu tajba. L-imputat huwa bniedem msithi. Fil-habs igib ruhu tajjeb. L-imputat huwa bniedem li m'ghandu fiducja f'hadd peress li kien ittradut kemm-il darba.

17. Xehdet ukoll Antonella Spagnol, il-Probation Officer tal-imputat. Hija qalet li l-imputat qed izomm l-appuntamenti tieghu. Il-pjan huwa li 'l quddiem jibda programm residenzjali ta' riabilitazzjoni.

[1] Dan ittella' wkoll mid-difiza. Ghalehkk hekk referenza ghal zewg pagni.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

18. Mill-istqarrija tal-imputat (Ara fol 7 l-ahhar paragrafu kif ukoll paragrafu 7 aktar ‘il fuq) hija ppruvata l-ewwel imputazzjoni ta’ serq kwalifikat b’mod mill-aktar car. Barra dan l-imputat stqarr ma’ zewg membri tal-Pulzija (ara paragrafi 10 u 11 aktar ‘il fuq) li huwa kien wettaq is-serqa. Hemm ukoll ix-xhieda okulari kemm dik ta’ Remco Slik kif ukoll u ta’ Iuan Han. Sahanistra l-vittma garrbet vittmi hfief waqt li l-imputat kien qed jiehu l-baskett minn ghand persuna li kienet ghaddejja ghall-affari taghha. Insterqu aktar minnn Lm100 (234 Euros) kif ammetta l-imputat stess meta qal li kien sab Lm50 fil-baskett u sarraf l-ohrajn fi Lm300. Fl-ahharnett is-serqa asaret filghaxija fid-9.30 Ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni bl-aggravji kollha.

19. Il-Prosekuzzjoni ppruvat ukoll it-tieni imputazzjoni – dak ta’ feriti hfief, imam minhabba li l-ewwel imputazzjoni tinkludi l-aggravju tal-vjolenza, il-Qorti qed tqis li din l-imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel wahda ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

20. Dwar it-tielet imputazzjoni x-xhud tal-Prosekuzzjoni ma kienx f’pozizzjoni li jixhed dwar jekk l-imputat kienx hallas l-insurance jew le. (Ara fol 109). Ghalhekk il-Prosekuzzjoni ma ppruvatx it-tielet imputazzjoni.

21. Il-karozza li saq l-imputat ma kellhiex licenzja rinnovata biex tinstaq fit-triq. Filfatt il-licenzja tagha ghalqet fl-ahahr ta’ Dicembru 2003 u sa 22 ta’ Settembru 2006 kienet ghadha ma kenitx rinnovata. Ghalhekk il-Prosekuzzjoni ppruvat ir-raba’ imputazzjoni.

22. Il-Hames imputrazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel wahda u ghalhekk il-Qorti mhix tiehu konjizzjoni taghha.

23. Dwar ir-recidiva, il-Qorti tinnota li waqt li ttella’ xhud li kkonferma li l-imputat wettaq reat iehor fil-mori tal-kawza, ebda sentenza ma kienet npprezentata li tipprova r-

recidiva ghalkemm l-imputat fl-istqarrija stess jghid li hareg mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin fit-3 ta' Marzu 2005. ( Ara l-istqarrija a Fol 7). Il-Qorti qed tiddeciedi li din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata bil-mezzi li s-soltu tkun ippruvata.

**Konkluzjoni**

24. Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(h), 261 (a), 262(1)(a), 267, 270, 274(c), 277(a)
221 u 334 (a) tal-Kap 9, l-artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kap 104, l-artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap 65 qed issib lill-imputat hati tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba' imputazzjoni b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni u qed tilliberah mit-tielet u mill-]ames imputazzjoni.

25. Dwar il-piena l-Qorti wiznet sew kemm dak li qalet il-Probation Officer kif ukoll Fr.Mark Montebello. Rat ukoll bir-reqqa dak li kkummenta u rrakkomanda Fr.Mark Montebello fir-rapport komprensiv tieghu. Tassew li l-imputat jinhtieg attenzjoni kontinwa. Waqt li kienet qed tinstama' l-kawza l-imputat rega' sab ruhu fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Dan huwa fatt li l-Qorti ma tistax tinjorah. **Li jkun tajjeb ghall-imputat huwa li malajr kemm jista' jkun jibda programm residenzjali u dan qed tirrakkomandah lid-Diretturi tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin**. Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' prigunerija ta' **wiehed u ghoxrin xahar** u ghall-hlas ta' multa ta' €234 liema multa tistga' tihallas b'rati ta' 50 Erwo fix-xahar bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba' gimghat mil-lum. Jekk xi pagament ma jithallasx il-bilanc ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------